# Fit-Tribunal Industrijali

## Decizjoni Numru. 2103

Kaz Nru. 2756/ET

Fit-Kwistjoni tax-xoghol
bejn
Marcelle Vella
u
Vascas Enterprises Limited

(B'digriet tat-8 ta' Lulju 2010, l-isem tas-socjeta' intimata "Vascas Enterprises Limited" gie kkancellat u sostitwit bl-isem "Cava Company Limited").

**Illum : 29 ta' Settembru 2011**

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, B.A. (Hons), Dip. Mgt.**

## Introduzzjoni

B'rikors tad-19 ta' Frar 2010 ir-rikorrenti, wara li ppremettiet li kienet giet sfurzata biex tirrezenja mill-impjieg li kellha mas-socjeta' intimata, talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha kienet wahda ingusta u li joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini ta' l-artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li tigi reintegrata f'xogholha u tithallas kumpens gust.

Is-Socjeta' intimata, fir-risposta taghha tal-15 ta' Marzu 2010, esponit illi l-azzjoni proposta minn Marcelle Vella hija insostenibbli u t-talbiet taghha ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u rrizevat li tati risposta ulterjuri wara li tircevi d-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti, fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, ghamlet referenza ghar-rikors promotur, ikkonfermat il-kontenut tieghu, tat izjed dettalji dwar l-impjieg u doveri li kellha u dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghar-rizenja taghha. Hi sostniet li dan it-Tribunal ghandu jiddikjara li r-rizenja taghha kienet fil-fatt tikkostitwixxi *constructive dismissal*.

Is-socjeta', fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, wara li tat izjed dettalji dwar ic-cirkostanzi tal-kaz, sostniet li t-tkeccija tar-rikorrenti giet registrata wara li din ammettiet li kienet ghaddiet informazzjoni konfidenzjali lil Grace Farrugia, impjegata ohra ta' l-istess Socjeta'.

**<u>Fatti</u>**

Is-Socjeta' Vascas Enterprises Ltd impjegat lir-rikorrenti b'*contract of service* formali tat-18 ta' Gunju 2008. Ghalkemm dan il-kuntratt juri li r-rikorrenti giet impjegata mas-Socjeta' Vascas Enterprises Ltd, il-partijiet qablu li kellha ssir korrezzjoni fl-occhio tar-rikors promotur ghaliex, fil-fatt, kif jirrizulta mill-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, ir-rikorrenti kienet impjegata mas-Socjeta' intimata Cava Company Ltd mit-13 ta' Gunju 2006 sad-29 ta' Jannar 2010.

Il-kuntratt kien ghal terminu indefinit fuq bazi *full-time* ta' erbghin (40) siegha fil-gimgha mifruxa mit-Tnejn sas-Sibt. L-impjieg kien ta' *Sales Manager* b'salarju ta' €10,083 fis-sena u r-rikorrenti kellha tippresta s-servizzi taghha fil-fergha li s-socjeta' kellha fil-Mellieha. Izda, meta gara l-kaz in ezami, hi kienet qed tahdem fil-fergha ta' tas-Sliema.

Is-sub-paragrafu10.1 tal-paragrafu 10 (intestat *Confidentiality)* tal-*contract of service* tar-rikorrenti jistipula li '*the employee shall during the term of his/her employment as well as after, treat as confidential all information concerning Vascas Enterprises or any client of Vascas Enterprises to which he/she becomes privy as a result of or incidental to the performance of his/her contract*'.

Minn zmien ghal zmien is-Socjeta' kienet torganizza laqghat ghall-*managers* kollha li kienu jmexxu d-diversi ferghat taghha li ghandha f'Malta u Ghawdex. Normalment kienu jattendu wkoll il-*financial controller* u d-diretturi Arthur Castillo u Mark Vassallo. F'dawn il-laqghat kienu jigu diskussi diversi temi fuq l-andament tax-xoghol u dak li jinghad kien jitqies bhala kunfidenzjali.

F'Jannar 2010 inzammet laqgha li ghaliha m'attendewx id-diretturi ghax kienu msiefrin fuq xoghol. F'din il-laqgha ssemmiet u ntqal diskors dwar u fuq ix-xoghol ta' Grace Farrugia li kienet ukoll impjegata tas-socjeta'.

Appena d-diretturi Castillo u Vassallo waslu lura minn barra baqghu sejrin dritt fil-fergha taghhom tan-Naxxar u gew infurmati minn l-*overall manager* tas-Socjeta', Lisa Pecorella, illi Grace Farrugia kienet saret taf b'dak kollu li kien intqal fuqha f'dik il-laqgha.

Biex jiskopru kif u minghand min dak li kien intqal fil-laqgha kien wasal ghand l-imsemmija Grace Farrugia, id-diretturi tas-socjeta' sejhu, anki individwalment, lill-*managers* li kienu prezenti ghal dik il-laqgha pero' hadd m' assuma responsabbilta' ta' l-azzjoni.

Allura gew iccekkjati l-*cameras* li kien hemm fil-hwienet tas-socjeta'. Mill-*camera* tal-hanut ta' tas-Sliema, fejn kienet tahdem ir-rikorrenti, u mill-*camera* tal-hanut tal-Mellieha, fejn kienet tahdem Grace Farrugia, irrizulta li, dak in-nhar tal-laqgha in kwestjoni, ir-rikorrenti kienet ghamlet madwar ghoxrin (20) minuta fuq it-telephone ma' l-imsemmija Grace Farrugia.

Fit-29 ta' Jannar 2010 Arthur Castillo baghat ghar-rikorrenti u akkuzaha li kienet hi li ghaddiet l-informazzjoni konfidenzjali lil Grace Farrugia.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu Arthur Castillo, Mark Vassallo, Sharon Abela, Lisa Pecorella u r-rikorrenti Marcelle Vella.

Fost dokumenti ohra, gew esebiti kopja tal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti u *memo* relatata ghalih, kopja tal-formola tat-tmiem ta' l-impjieg tar-rikorrenti, kopja ta' l-ittra tar-rizenja tar-rikorrenti u erba' ritratti u Internal Log Called Timesheet.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-provi prodotti juru li l-partijiet jaqblu li l-*managers* kienu ben infurmati li dak li kien jintqal f'dawk il-laqghat li kien ikollhom mad-diretturi kellu jigi meqjus bhala kunfidenzjali u b'ebda mod ma kellu jasal ghand haddiehor u li, b'danakollu, xi hadd kien wassal lil Grace Farrugia dak li kien intqal fuqha fil-laqgha tal-*managers* li ghaliha ma kienux attendew id-diretturi.

L-istess provi juru li l-partijiet m'humiex jaqblu dwar dak li gara fl-ahhar zewg inkontri bejn id-direttur Arthur Castillo u r-rikorrenti rispettivament mizmuma fid-29 ta' Jannar 2010 (fejn ir-rikorrenti giet rinfaccjata bl-akkuza li kienet hi li waslet l-informazzjoni kunfidenzjali lil Grace Farrugia) u t-Tnejn ta' wara (meta r-rikorrenti pprezentat l-ittra ta' rizenja taghha).

Dan it-Tribunal jemmen li dak li jigi diskuss f'laqghat simili ghal dawk organizzati mis-socjeta' intimata ghall-*managers* taghha ghandu dejjem jibqa' kunfidenzjali. Jifhem ukoll ghaliex, in vista li s-socjeta' intimata tinnegozja f'oggetti ta' valur sostanzjali, id-dirigenti taghha huma daqshekk stretti dwar iz-zamma ta' din il-kunfidenzjalita'. Pero', huwa kardinali li kull min ihaddem, meta jirrizultalu li tali informazzjoni kunfidenzjali twasslet ghand terzi, irid ikollu provi konkreti dwar min kien li kixef tali kunfidenzjalita' qabel jittermina l-impjieg ta' xi impjegat/a.

Fil-kaz prezenti s-socjeta' intimata qed issostni li kienet illicenzjat lir-rikorrent wara li din ammettiet l-akkuza migjuba kontriha. Ir-rikorrenti ssostni li hi qatt ma ammettiet l-akkuza u tat ir-rizenja taghha ghaliex giet hekk sfurzata mid-direttur Arthur Castillo.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal ghandu jara jekk mill-provi prodotti giex ippruvat li kienet ir-rikorrenti li ghaddiet l-informazzjoni kunfidezjali lil Grace Farrugia jew jekk jirrizultax li hi ammettit l-akkuza li saret kontriha fid-29 ta' Jannar 2010. Fin-nuqqas irid isir ezami bir-reqqa tal-kredibilita' tax-xhieda koncernati, b'mod partikolari tax-xhieda ta' l-istess rikorrenti u dik ta' l-imsemmi direttur.

Mark Vassallo, fix-xhieda tieghu, ikkonferma li l-ammissjoni tar-rikorrenti ghall-akkuza li saret kontriha ma saritx fil-presenza tieghu u kien Arthur Castillo li qallu li r-rikorrenti kienet ammettiet.

Sharon Abela, fix-xhieda taghha, ikkonfermat li Grace Farrugia ma kienitx kellmitha wara l-*managers' meeting* in kwestjoni. Ikkonfermat ukoll li meta, fil-presenza tal-kollegi taghha, cemplet lil Grace Farrugia biex din tghidilha min kien li waslilha l-informazzjoni kunfidenzjali r-risposta kienet *"mhux se nghid"*. Ix-xhud qalet ukoll li saret taf li r-rikorrenti kienet ammettiet l-akkuza minghand Arthur Castillo meta dan qal hekk fil-presenza taghha u ta' xi *managers* ohra.

Lisa Pecorella xehdet li Grace Farrugia cemplitila dak in-nhar tal-*managers' meeting* filghaxija u b'ton inkwetanti qaltilha li mhux sew li hi giet diskussa fil-laqgha. Ix-xhud ikkonfermat li Grace Farrugia qatt ma qalet minghand min saret taf dik l-informazzjoni kunfidenzjali. Qalet ukoll li saret taf li r-rikorrenti kienet ammettiet l-akkuza minghand Arthur Castillo.

Id-direttur Arthur Castillo xehed darbtejn. L-ewwel darba, fis-27 ta' Mejju 2010, xehed fit-tul u b'certu dettal dwar diversi aspetti tan-negozju tas-socjeta' u dwar dak li kien sar sakemm wasal ghall-konkluzzjoni li kienet ir-rikorrenti li ghaddiet l-informazzjoni kunfidenzjali lil Grace Farrugia.

Ix-xhud ikkonferma li matul il-laqghat kollha li kellu mal-*mangers*, kemm kollettivament u kemm individwalment, hadd m' ammetta l-htija ta' l-azzjoni.

Ikkonfema wkoll li meta baghat ghal Grace Farrugia u qalilha "*jiena nixtieq inkun naf min, minghajr awtorita' u minghajr il-permess tieghi jew ta' Mark, gie jghidlek dawn l-affarijiet*" ir-risposta ta' Grace Farrugia kienet "*over my dead body, tista' tkeccini ghax jiena mhux ser nghidlek*" u baqghet ma qaltlux minghand min saret taf.

Ix-xhud ikkonferma wkoll li baghat ghall-*managers* wahda wahda pero' hadd m' ammetta l-htija. Dwar ir-rikorrenti qal li kien kellimha wicc imb' wicc waheda u li din kienet qaltlu li ma kelliex idea min kien hareg l-informazzjoni u li mhux hi.

Ix-xhud qal ukoll li mir-*records* tas-*security monitors* u tat-telefonati tal-gurnata li sar il-*managers' meeting* irrizulta li dakinhar kienet saret telefonata bejn Grace Farrugia u r-rikorrenti. Ix-xhud jghid li sab li din it-telefonata damet iktar minn nofs siegha u rega' baghat ghar-rikorrenti u rega' kellimha ras imb' ras u wahdihom.

Dwar dan l-inkontru x-xhud jghid "*ghidtilha jiena dizappuntat ghax jiena ghandi dan ir-recording, urejthomlha u baxxiet rasha qaltli "ma' kontx wahdi*". Jghid li jahseb li b'dan il-kliem ir-rikorrenti kienet qed tirreferi "ghal Karen tal-Belt" u qalha li kien ser jibghat ghal din ukoll ghax "*jien ghandi suspett f'Karen ukoll*". Dwar l-ammissjoni tar-rikorrenti x-xhud qal "*ghidtilha ghalfejn oggett kunfidenzjali tal-kumpannija mort tghidilha, urejtha r-ritratti u kollox u ammettiet bihom avolja ma kienx hemm recording."*

L-istess Arthur Castillo kompla jixhed li "*Imbaghad wara li wrejtha r-ritratti qaltli 'imma inti dan ghandek x'intqal?* '*Ghidtilha le m'ghandix*' *imbaghad daret id-diska meta ghidtilha li m'ghandix recording x'intqal fuq it-telephone mbaghad darilha, ghax l-ewwel qaltli 'mhux jiena biss' imbaghad qaltli 'mhux jien kont'*.

Ix-xhud xehed ukoll li lir-rikorrenti "*ghidtilha li jiena nixtieqa tirrezenja, ghidtilha tista' tirrezenja u naraw kif ikun tajjeb ghalik biex tkun tista' tkompli tahdem*".

Xehed ukoll li gie skedat inkontru ohra ghat-Tnejn ta' wara u, dwar dan it-tieni inkontru, qal li r-rikorrenti kienet marret ma' missierha. Sar xi diskors zejjed u ghajjat u x-xhud spicca biex kecca lil missier il-barra mill-ufficcju. Lir-rikorrenti qalilha li jekk ridet setghet tkellmu pero' din tefghatlu l-ittra tar-rizenja taghha fuq il-mejda.

L-istess Arthur Castillo rega' xehed fit-23 ta' Settembru 2010. Ta aktar dettalji dwar ir-ritratti u l-*logs* esebiti u, in kontro-ezami, ikkonferma li huwa normali li jsiru telefonati fuq ix-xoghol minn hanut ghal iehor u li dawn it-telefonati jsiru skond in-necessita' tal-hanut.

Ir-rikorrenti, fix-xhieda taghha, ssostni li, fil-laqgha mad-direttur Arthur Castillo fid-29 ta' Jannar 2010, mill-ewwel ikkontestat l-allegazzjonijiet imressqa kontriha bhala inveritieri. Tghid li, l-istess direttur, minghajr ma sema' l-versjoni taghha, infurmaha li kienet ser tigi mkeccija u li "*kellu giex ittri miktubin f'ismi tar-rizenjazzjoni*". Wahda li kienet qed tirrezenja mill-post tax-xoghol taghha "*ghal ragunijiet personali*" u l-ohra "*ghax ksirt regolament*". Tghid wkoll li hi qalet lid-direttur li "*dawn il-karti mhux se niffirmahom. Qalli jekk mhux se tiffirmax il-karta u titlaq bit-tajjeb ha naghmillek bad name mal-future employers tieghek. Ghidtlu jien ma nhossx li ghandi nffirma l-karti la m'ghamilt xejn. In the meantime dahlet Sandra Camilleri* (li) *kellha kollox lest temination u kollox u geghluni bil-fors niffirma l-karta tat-termination. Ghidtilhom mhux se niffirma l-karti tat-termination ghax ma nhossx li ghandi niffirmahom. Tlabt lis-Sur Arthur Castillo ghidtlu nixtieq nahsibha, nixtieq nara x'ha nghamel qabel niffirma l-karti. Is-Sur Castillo qalli ok ahsibha erga' ghaddi aktar tard fil-gurnata pero' Sandra Camilleri ma ridtni bl-ebda mod nohrog mill-boardroom qabel niffirma. Ghidtilha li s-Sur Castillo qabel li nohrog mill-boardroom u jien hrigt*".

Ix-xhud tkompli tghid li t-Tnejn ta' wara dik il-laqgha (allura l-1 ta' Frar 2010) gie skedat appuntament ma' Arthur Castillo. Dwar dan l-inkontru r-rikorrenti xehdet hekk "*Jiena mort u dakinhar hadt lill-papa' tieghi ghas-semplici raguni ghax bzajt li ser jergghu jaghmluli bhad-darba l-ohra u mhux se jhalluni nohrog mill-boardroom qabel niffirma l-karti.*" Ir-rikorrenti tghid li dakinhar tat l-ittra tar-rizenja taghha datata *29th January 2010* fejn specifikat li r-rizenja taghha kienet giet sottomessa minnha unikament ghaliex hekk giet diretta biex taghmel minn Arthur Castillo.

Dan premess, it-Tribunal jikkonsidra li: -

Dwar it-telefonata li wasslet lil Arthur Castillo ghall-konkluzzjoni li kienet ir-rikorrenti li ghaddiet l-informazzjoni lil Grace Farrugia ghandu jinghad li, kif ikkonferma l-isess Arthur Castillo, hi haga normali li jsiru telefonati minn hanut ghal iehor skond il-htiega. Ma ngiebet l-ebda prova li t-telefonata li saret bejn ir-rikorrenti u Grace Farrugia ma kienitx fuq xoghol jew li kienet dwar dak li kien intqal fil-*managers' meeting.*

Dwar l-ammissjoni tar-rikorrenti ghadu jinghad li mix-xhieda ta' Mark Vassallo, Sharon Abela u Lisa Pecorella, jirrizulta li hadd minnhom ma kien sema' lir-rikorrenti tammetti l-akkuza, u li huma saru jafu b'din l-ammissjoni minghand Arthur Castillo.

Hu Arthur Castillo biss li jghid li r-rikorrenti kienet ammettiet il-htija taghha pero' ma ngiebet l-ebda prova ohra biex tissostanzja dan. Meta sejjah lir-rikorrenti ghall-inkontru tad-29 ta' Jannar 2010, bl-intenzjoni li jikkonfrontaha bil-provi li kellu, seta' kieku ried, kellimha fil-presenza ta' haddiehor. Wara kollox, f'kazijiet bhal dan, fejn qed tigi allegata tkeccija ngusta, hi s-socjeta' li trid tipprova li kellha raguni gustifikata biex tittermina l-impjieg u ghalhekk issir l-inverzjoni tal-provi. Inoltre, l-istess Castillo kkonferma li barra mir-rikorrenti kellu suspett f'haddiehor ukoll.

Il-provi juru li Arthur Castillo, meta qed jghid li r-rikorrenti kienet ammettiet mieghu, minflok qabad u tterminalha l-impjieg, qalilha li xtaq li tirrizenja hi. Ma jidhirx li hemm xi raguni ghal dan l-agir ta' l-istess direttur. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li dan l-agir ghandu jigi kkundannat. Il-formola tat-tmiem ta' l-impjieg trid tirrifletti l-fatti u f'dan il-kaz il-formola esebita, li m'hijiex iffirmata mir-rikorrenti pero' iffirmata mis-socjeta', la tindika tkeccija fuq dixxiplina u l-anqas rizenja. Tindika li l-impjegata giet impjegata band' ohra.

Dwar ir-rikorrenti l-provi juru li din dejjem cahdet li kienet hi li ghaddiet l-informazzjoni kunfidenzjali lil Grace Farrugia u dejjem cahdet li f'xi hin kienet ammettiet l-akkuza migjuba kontriha.

Mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha u d-dokumenti esebit, it-Tribunal qieghed jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti u jiddeciedi li r-rizenja taghha mill-impjieg giet sfurzata fuqha mis-socjeta' intimata u ghalhekk tikkostitwixxi *constructive dismissal*.

**<u>Konkluzzjoni</u>**

It-talba tar-rikorrenti sabiex tigi reintegrata fl-impjieg li kellha mhux ser tigi milqugha ghaliex it-Tribunal, wara li ra l-artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, hu tal-fehma li l-impjieg li kellha r-rikorrenti mas-socjeta' intimata, li tinnegozja f'oggetti ta' valur sostanzjali, kien wiehed sensittiv u jirrikjedi element ta' fiducja specjali fid-detentur minn min ihaddmu.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal filwaqt li qed jiddikjara li r-rizenja mghotija mir-rikorrenti giet sfurzata fuqha mis-socjeta' intimata u ghalhekk tikkostitwixxi *constructive dismissal*, jiddeciedi li l-istess rikorrenti ghandha tinghata kumpens mis-socjeta' intimata.

Dan il-kumpens qieghed jigi stabbilit fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90).

B'hekk intemm din il-kwestjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Edmund Tabone MA,B.A.(Hons),Dip.Mgt.
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju